MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
JOSEPH A. APAP BOLOGNA**

Seduta tal-5 ta' Gunju, 2006

Avviz Numru. 568/2004

**Laferla Insurance Agency Limited**

**Vs**

**Raymond Cortis u b'digriet tas-17 ta' Frar 2005 isem il-konvenut qed jigi kkoregut ghal "Raymond Cortis bhala direttur u ghan-nom tas-socjeta Curtis Rent-a-Car Limited" u b'digriet tal-15 ta' Marzu 2005 il-kliem "bhala direttur u ghan-nom tas-socjeta" qed jigu kancellati u b'digriet iehor tat-13 ta' April 2005 il-kliem "Raymond Cortis" qed jigu kancellati.**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in eami li bih is-socjeta attrici talbet sabiex il-konvenut jghid il-ghaliex ma ghandux jigi kundannat li

jhallas lill-istess socjeta attrici s-somma ta’ erbat elef tmien mija u erba’ u sittin Liri Maltin u tletin centezmi (Lm4864.30), bilanc ta’ somma akbar rapprezentanti l-premium ossija korrispettiv ta’ diversi poloz ta’ assikurazzjoni mahruga mis-socjeta attrici fil-kwalita taghha ta’ agent tat-terzi favur is-socjeta’ konvenuta u fuq l-inkariku u ghall-beneficcju tas-socjeta’ konvenuta skond kif jirrizulta mill-‘statement” anness mal-avviz Dok A.

Bl-imghax mid-19 ta’Gunju 2003 sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjes kontra l-konvenut, bl-ispejjes komprizi dawk tal-ittra gudizzjarja tat-12 ta’ Novembru 2003 u tal-ittra gudizzjarja tal-4 ta’ Awissu 2004, u dawk tal-konsult (Lm20).

Il-konvenut gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat kif ukoll id-dokument anness mal-istess avviz a fol 2 tal-atti.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut (fol 8 tal-atti) u li biha eccepixxa bir-rispett:-

1. Illi huwa gie mharrek inutilment u ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju stante li huwa mhux il-legittimu kontradittur.
2. Illi hija s-socjeta’ Curtis Rent-a-Car Limited li ghandha relazzjoni kontrattwali mas-socjeta’ attrici u mhux huwa personalment.
3. Illi difatti l-invoices mis-socjeta’ attrici dejjem intbaghtu lis-socjeta’ Curtis Rent-A-Car Limited u mhux lilu personalment.
4. Salvi eccezzjonijiet ohra.
5. Illi huwa m’ghandux ibaghti spejjez.

Rat id-digrieti li bihom gie korrett l-okkju ta’din il-kawza (fol 10 sa fol 14, fol 21 u fol 22 u fol 23 sa fol 25 tal-istess atti) biex, finalment, l-okkju tal-istess kawza gie jaqra “<u>Laferla Insurance Agency Limited vs Curtis Rent-A-Car Limited</u>”.

Rat l-atti kollha tal-kawza specjalment dak verbalizzat a fol 16 u fol 26 tal-istess atti.

Ikkunsidrat

Illi s-socjeta attrici pproduciet bhala xhud lil Peter Meilaq, il-kontrollur finanzjarju tal-istess socjeta' u meta dan xehed taht gurament (fol 28 et), hu kkonferma li l-ammont kif pretiz fl-avviz kien dovut mis-socjeta konvenuta ghar-raguni specifikata fl-istess xhieda. In konnessjoni ma dan, hu esebixxa, ukoll, prospett u l-fatturi relattivi in konnessjoni mal-istess ammont pretiz u li hu ghadu dovut sallum mis-socjeta' konvenuta.

Ikkunsidrat

Illi ma jidhirx mill-atti, illi s-socjeta konvenuta ikkontestat, b'xi mod, l-istess ammont kif mitlub.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tilqa' t-talbiet attrici u tikkundanna lis-socjeta konvenuta sabiex thallas lil dik attrici s-somma ta' Lm4864.30 bl-imghax legali mid-19 ta'Gunju 2003 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inklusi dawk tal-ittri gudizzjarji tat-12 ta' Novembru 2003 u tal-4 ta' Awissu 2004 kif ukoll Lm20 ta' konsult.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------